# PARROĊĊA SANT'ANNA WIED IL-GĦAJN

**AVVIŻI** **10 TA' FRAR 2019**

**Adorazzjoni għall-Qdusija tas-Saċerdoti**

Illum is-Sibt 9 ta' Frar 2019 fil-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija, Birkirkara fid-9:00pm tibda quddiesa u wara adorazzjoni għall-qdusija tas-saċerdoti sal-11:00pm.

**Festa ta' San Pawl Missierna**

Għada l-Ħadd 10 ta' Frar 2019 hija l-festa ta' San Pawl Missierna. Infakkrukom li hemm l-obbligu tas-smiegħ tal-Quddiesa.

**Festa tal-Madonna tal-Lourdes u Jum Dinji tal-Morda**

It-Tnejn 11 ta' Frar 2019 hija l-Festa tal-Madonna tal-Lourdes u Jum il-Morda. Fil-Quddiesa tas-6:00pm fil-Knisja Parrokkjali ser namministraw is-Sagrament tal-Griżma tal-Morda.

**Tberik tal-Familji**

It-Tlieta 12 ta' Frar 2019 fl-4:30pm inkomplu bit-tberik tal-familji fi **Triq Tal-Gardiel (min-naħa ta' San Tumas).**

**Għoti tad-Demm**

Il-Ħadd 17 ta' Frar 2019 fl-okkażjoni tal-25 Sena mit-twaqqif tal-Għaqda Mużikali Sant'Anna se jiġi organizzata nofstanhar għoti tad-demm ħdejn is-Sala Sant'Anna. Aħna mitlubin inġibu magħna l-ID card.

**Magħmudija Komunitarja**

Il-Ħadd 17 ta' Frar 2019 issir il-Magħmudija bil-Quddiesa li tibda fl-10:15am.

***Afternoon Tea* fis-Sala Sant'Anna**

Il-Ħadd 17 ta' Frar 2019 fit-3:00pm fis-Sala Sant'Anna jibda *Afternoon Tea*.

***Coffee Morning***

Il-Ħamis 21 ta' Frar 2019 fid-9.30am ser norganizzaw *Coffee Morning* fis-Sala Sant'Anna. Biljetti mis-Sagristija jew mill-Uffiċċju Parrokkjali.

**Kummissjoni Liturġija**

Il-Ħamis 21 ta' Frar 2019 fil-5.00pm tiltaqa' l-Kummissjoni Liturġija fl-Uffiċċju Parrokkjali.

**2 Laqgħa ta' Formazzjoni dwar is-Smigħ tal-Kelma ta' Alla**

Il-Ħadd 24 ta' Frar 2019 fl-4:00pm fis-Sala Sant'Anna ser issir it-tieni laqgħa ta' formazzjoni minn Fr Clinton Farrugia mssp bit-tema : Għalfejn nemmen? Dawn il-laqgħat ta' formazzjoni qed isiru f'kollaborazzjoni mal-Istitut ta' Formazzjoni Pastorali. Inħeġġu lil kulħadd sabiex jattendi.

**Mother and Baby Club**

Il-Mother and Baby Club se jorganizzaw Party tal-Karnival nhar l-Erbgħa 27 ta' Frar 2019.

**Irtir tar-Randan għall-adulti**

Bejn il-Ġimgħa 1 ta' Marzu u l-Ħadd 3 ta' Marzu 2019 ser norganizzaw 3 ijiem irtir tar-Randan għall-adulti ġewwa l-Lunzjata r-Rabat, immexxi minn Fr Mario Farrugia sj. Bookings mis-sagristija jew mill-uffiċċju parrokkjali.

**Kummissjoni Parrokkjali Tfal**

Is-Sibt 2 ta' Marzu 2019 il-Kummissjoni Parrokkjali Tfal qed torganizza party tal-Karnival għat-tfal bejn 5 snin u 12-il sena fis-Sala Sant'Anna mit-3.00pm sas-6.00pm.

**Camino f'Santiago fi Spanja**

Qed jinġabru l-applikazzjonijiet għall-Pellegrinaġġ ġewwa Santiago fi Spanja. Min hu interessat jista jieħu karta ta' applikazzjoni mis-sagristija li tasal lura għandna sa nhar il-Ħadd 24 ta' Frar 2019. Il-Ħadd 24 ta' Frar 2019 fis-7:00pm niltaqgħu fuq iz-zuntier għal mixja oħra flimkien ta' preparazzjoni. Kulħadd huwa mistieden.

**Bazaar**

Fis-Sala San Ġwakkin qed jitella' l-Bazaar tal-Parroċċa. Inħeġġiġkom sabiex tagħtu titwila.